MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Talba Numru. 590/2009

Alfred Gera & Sons Limited (C 120).

Vs

Salvatore De Luca (Id. 29072A) ezercenti l-kummerc taht l-isem Stuzzico Deli Counter.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' tlett mija, seba u sebghin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€377.85) minghand il-konvenut, rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjata. Bl-ispejjes u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija, seba u sebghin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€377.85), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------